**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat**
Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00181-2018-3**
**Il-Pulizija**
**(Spettur NIKOLAI SANT)**
**Vs**
**Luke Farrugia 163495M**

Illum, 4 ta' Ġunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli fil-Nhar it-2/4/2018 ghal habta ta`17:25hrs bil-vettura HBR413 ġewwa Triq il-Gistokor,GHAXAQ

[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))
[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))
[3] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))
[4] Gibt ruhek b`mod li kont taf jew missek kont taf li ser taghti fastidju lil LIZA SPITERI (Kap 9 Artiklu 251 A (1)(b))
[5] Ikkagunajt biza li ser tuza vjolenza kontra LIZA SPITERI jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta` xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta` l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) (Kap 9 Artiklu 251 B (1))
[6] Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13/5/2014 mill- MAGST.DR.F.DEPASQUALE LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula. (Kap 9 Artiklu 49, 50)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq

Rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2), Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), Kap 9 Artiklu 251 A (1)(b), Kap 9 Artiklu 251 B (1), Kap 9 Artiklu 49, 50

Ġiet irreġistrata ammisjoni fuq akkużi numri Wieħed [1],Tnejn [2],Tlieta [3]

Il-Qorti semghet l-avukat tad-difiza jitratta dwar kif l-imputat qed jipprova jaqbad it-triq it-tajba Semghet ukoll il-parte civile illi taghmel il-parti taghha wkoll. Il-parte civile tirrinunzja ghar 4 u 5 akkuzi. Fuq is-6 akkuza issibu ricediv u taghzel ma tinfliggi l-ebda piena skont l-Art 50.

Fuq ammissjoni, wara illi l-Qorti reġgħet tat żmien lill-akkużat jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu

Tilliberah mill-akkużi numri Erbgħa [4],Ħamsa [5] u ssibu ħati tal-akkużi numri Wieħed [1],Tnejn [2],Tlieta [3],Sitta [6] u

Tikkundannah sentenza ta` priġunerija ta` Sena u Nofs u, a tenur ta` l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta` Malta, tordna li s-sentenza ta` priġunerija ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul perjodu ta` Sentejn millum, l-akkużat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta` priġunerija.

Tissospendilu il-liċenzja tas-sewqan għal żmien Sena minn nofs il-lejl u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18, tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-licenzja tas-sewqan lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Il-Qorti, qabel ma ħarġet l-ordni ta' sentenza sospiża, fehmet lill-ħati l-effetti kollha tal-ordni u l-fatt li, f'każ li ma jikkonformax ma' l-ordni mogħtija lilu, l-akkużat jista jingħata sentenza għall-akkużi miġjuba quddiem il-Qorti fil-proċeduri odjerni.

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Rita Sciberras
Deputat Reġistratur